MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Numru 660/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef-Grimaud)**

**Vs**

David Vella

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni kontra David Vella ta' karta ta' identita' numru 345478(M), akkuzat talli:

Fit-30 ta' Jannar 1998, ghal habta tal-10:00 ta' filghaxija gewwa Pembroke, limiti ta' San Giljan, kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon, izda mhux f'fond jew post li jaghmel mieghu, u cioe', pistola tal-marka "Davis Industries", mudell P-380, Kalibru 0.38, numru tas-serje APO15573, u dan bi ksur tal-Artikolu 66, tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar jew munizzjon, u cioe' pistola tal-marka "Davis Industries", mudell P-380, kalibru 0.38, numru tas-serje APO15573, xort'ohra milli b'licenzja, u naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 9, Kapitolu 66, tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-30 ta' Jannar 1998, u/jew f'xi data qabel, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, pistola tal-marka "Davis Industries", mudell P-380, Kalibru 0.38, numru tas-serje APO15573, u liema importazzjoni ta' oggetti hija projbita u/jew ristretta, bil-Valur tal-pistola jkun ta' Lm21.00 u Dazju ta' Lm1.70.1, u li fuqha kella tithallas Taxxa tas-Sisa fuq l-importazzjoni, li tammonta ghal Lm3.15, liema taxxa ma gietx imhallsa u jew kawtelata u dan bi ksur tal-Artikolu 60 (a), (b), (c), (k); l-Artikolu 62 (a), (b), (c), (f), (g), (h), (i), (k) ta' l-Att XII ta' l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u Sisa, tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat il-verbal tal-lum li fih l-imputat ammetta l-akkuzi f'liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat bi ksur tal-Artikolu 3 u 9 tal-Kap 66 u l-Artikolu 60 u 62 tal-Kap 37 jigifieri b'reati li jaqaw taht il-kompetenza originali ta' din il-Qorti.

L-imputat qieghed jammetti l-akkuzi u l-ammissjoni tieghu hija wahda volontarja u inkondizjonata.

Fuq din l-ammissjoni l-Qorti ser tghaddi biex tiddecidi l-kawza. Issib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih migjuba. Wara li rat l-Artikolu 3(1A) u 9 tal-Kap 66, l-artikolu 60

(a)(b)(c)(k), l-Artikolu 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-proviso tal-istess Artikolu tal-Kap 37 u kkonsidrat iz-zmien meta sar ir-reat u dana ghal fini ta' piena taht l-Ordinanza l-ahhar citata, tiddecidi li tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tordna l-konfiska tal-arma tan-nar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu taht din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------